

# Italia Delle Meraviglie
## with a Touch of Switzerland

18 – 23 t'April 2019 *Easter Holidays*

**6 t'ijiem**

**INŻURU:** COMO, BELLAGGIO, MACUGNAGA, LAGO MAGGIORE, BORROMEO ISLANDS, STRESA

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, HALF BOARD, city tax u taxxi mħallsa)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €750 | €700 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €750 | €700 |
| Kamra ta' persuna waħda | €920 | €870 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €550 | €500 |

**Prezz Jinkludi:**
- Titjira AirMalta; Malta – Milan - Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 5 t'iljieli Hotel Concorde f'Arona 4 star
- Kmamar kollha b'faċilitajiet privati
- Continental Buffet Breakfast kuljum
- Ċena (5 ikliet)
- Taxxi, Service Charge u City Tax
- Tour Leader
- Insolvency Fund

## IL-ĦAMIS 18 T'APRIL

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-11:00 għal titjira KM624 li ttir fis-13:00 lejn **Milan**. Naslu fit-14:50. Wara transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru ta' Milan fejn flimkien mat-*tour leader* naraw postijiet t'interess bħal **Castello Sforzesco**, **Galleria Vittorio Emanuele II**, **Teatro alla Scala**, **Piazza Duomo** u l-famuż **katidral** iddedikat lill-**Madonnina.** Ikollna ħin liberu għal xiri ta' *souvenirs*. Nibqgħu sejrin lejn **Hotel Concorde *4 star*** ġewwa **Arona** fejn issir is-sistemazzjoni tal-kmamar bl-arja kondizzjonata. Wara ċ-ċena, ħarġa mal-*leader*.

## IL-ĠIMGĦA 19 T'APRIL

Excursion mill-iżjed interessanti għall-belt ta' **Bergamo**. Il-belt ta' Bergamo tista' titqies bħala żewġt ibliet f'belt waħda - **Città bassa** u **Città Alta**. Flimkien mat-*tour leader* niskopru dawn il-bliet imdawra b'fortifikazzjonijiet antiki u mimlija toroq dojoq. Fost oħrajn naraw **Via Sentierone** u l-**Palazzo di Giustizia**. Wara nitilgħu bil-funikular (*extra*) biex inżuru **Bergamo Alta** li hi l-isbaħ parti ta' din il-belt u minn hemm naraw **Piazza Vecchia**, **Palazzo della Ragione**, **Cappella Colleoni** u **Battistero**. Aħna u sejrin lura lejn Arona nieqfu fi stabbilment enormi tax-xiri **Orio al Serio**. Nirritornaw lura l-hotel.

## IS-SIBT 20 T'APRIL

Skopri magħna l-ġmiel ta' **Macugnaga** fi vjaġġ mill-aktar spettakolari fejn ngħaddu mill-wied t'**Anzasca** li hu mdawwar bil-muntanji. Macugnaga li jinsab taħt il-muntanja Monte Rosa hu villaġġ tradizzjonali, stil tal-Alpi. Minn hemm naqbdu *chairlift* (*extra*) biex nitilgħu fuq **Monte Rosa** fejn naraw veduti pittoreski tal-Alpi u l-glaċjali. Esperjenza unika li ma tinsieha qatt! Ċena u ħin liberu.

## IL-ĦADD 21 T'APRIL

**L-Għid it-Tajjeb!!**

Eskursjoni mill-iżjed interessanti ġewwa l-gżejjer **Borromean**. Nitilqu bil-kowċ lejn **Stresa** mnejn naqbdu d-dgħajsa biex inżuru l-gżejjer Borromean (prezz tad-dgħajsa u dħul hu ta' madwar €24). L-ewwel immorru **Isola Bella** fejn inżuru **palazz rinaxximentali tal-familja aristokratika Borromean u l-ġnien botaniku, Salone d'Onore, Sala Delle Colonne, Sala della Musica, Galleria degl'Arazzi, Grotti Artificiale. Dan il-palazz majestuż mibni fuq stil gotiku hu mżejjen bi ġnien mill-isbaħ li hu mqassam f'10 terrazzini imżejjnin bi statwetti, funtani, pjanti eżotiċi u fjuri fost oħrajn magnolias eċċ.** Il-parti ta' fuq tal-ġnien hi magħrufa bħala **l-amfiteatro**, dan hu iddominat mill-**Coat of Arms tal-Borromeo.** Issa jmiss li nżuru **Isola dei Pescatori** - gżira medjevali b'ħafna toroq dojoq u veduti mill-isbaħ. Ħin liberu għal xiri tas-souvenirs jew hawn ikollkom ċans li tieklu ikla ħut tajba **(*extra*).** Nibdew il-vjaġġ lura tagħna iżda qabel nagħmlu dawra bil-boat ma' **Isola Madre** fejn naslu ġewwa **Stresa.** Nagħmlu dawra mat-tour leader saċ-ċentru ta din il belt, ikollna ħin liberu għax-shopping. Nirritornaw lura l-hotel.

## IT-TNEJN 22 T'APRIL

Eskurssjoni mill-iżjed interessanti għal **Como** fejn dawra mat-tour leader naraw **Piazza Cavour, Piazza Volta, Citta Vecchia, Duomo – maħdum b'irħam abjad bi stil Gotiku**. Naraw il-famuż **Lag ta' Como**. Cruise mal-lag ta' Como ser iwassalna ġewwa **Bellaggio** magħruf bħala 'Pearl of the lake'. Flimkien mat-tour leader naraw iċ-ċentru tal-belt bil-ħafna toroq sbieħ u promenade mill-isbaħ.

Nirritornaw lura l-hotel.

## IT-TLIETA 23 T'APRIL

Wara l-breakfast, transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru ta' Milan fejn flimkien mat-*tour leader* naraw postijiet t'interess bħal **Castello Sforzesco**, **Galleria Vittorio Emanuele II**, **Teatro alla Scala**, **Piazza Duomo** u l-famuż **katidral** iddedikat lill-**Madonnina.** Wara jkollna transfer lejn l-ajruport ta' Linate għal titjira KM625 li titlaq minn Milan fl-15:40 u tasal lura Malta fil-17:35.


**Grand Tour of**
# Russia

**Group A: 30 Lulju - 7 August**
**Group B: 3 - 11 September**
***Ask for more details***

